MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 08/K7/2013 |
| Data: | It-Tlieta 27 ta' Awwissu, 2013 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Sur Lino Bartolo |
| | | Sur Maurice Agius |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sinjura Romina Galea |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | KAS | Sna Mary Rose Mifsud |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |

## AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat il-Ħamis 22 ta' Awwissu, 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 07/K7/2013.
2. Materji mill-Minuti.

3. Korrispondenza.
4. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.
6. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitati
7. Proġett fi Triq Ċensu Farrugia
8. Laqggħa fuq il-‘Local Plan’ (MEPA)
9. Affarijiet oħra jekk urgenti
10. Aġġornament.

**Seduta Numru 08/13**

325 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b’talba.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 07/K7/2013.**

326 Il-minuti tas-seba’ laqgħa tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

327 Is-Sur Maurice Agius qal li hu semma l-mera li hemm bżonn teħel ħdejn il-Marokk waqt il-laqgħa. Din ħa tiżdied mal-minuti u s-Segretarju Eżekuttiv ser titlob lis-Sur Demarco biex jagħtiha informazzjoni fuq din il-materja.

328 Materja 303: Is-Sur Matthew Agius talab li jitneħħew il-kliem “li ssir liema direzzjoni ssir” minn din il-minuta. Hu qal li hu ried juri li hemm bżonn ‘calming measures’ f’din it-triq biex il-karozzi jnaqqsu l-veloċita’ u ma riedx li jiġi interpretat li hu jista jkun favur il-bdil tad-direzzjoni tat-triq.

329 Materja 304: Is-Sur Selvaggi qal li għandha tiżdied ‘Triq Xmiexi’ mal-lista ta’ toroq li hemm imniżżla li ser jirċievu l-invit għall-laqgħa pubblika.

330 Materja 310: Is-Sur Matthew Agius qal li hu ried ifisser li l-Arriva għandha tgħaddi minn din iż-żona u mhux neċessarjament minn dawn it-toroq. Għalhekk ser jiżdiedu l-kliem “fiż-żona ta’” u s-Segretarju Eżekuttiv se tibgħat amenda lit-TM.

**2. Materji tal-Minuti**

331 Materja 257: Is-Sur Selvaggi qal li jixtieq li l-Kunsill joħroġ stqarrija uffiċċjali fejn il-Kunsill jiddikjara li, għal-ġid tar-residenti tal-lokal hemm bżonn li tiġi implementata r-‘Residential Parking Scheme’ u li l-Kunsill qed jistenna risposta mill-Ministeru dwar il-pożizzjoni tal-Gvern fuq din l-iskema, u li l-Imsida tingħata xi tip ta’ ‘concession’ sakemm tittieħed

deċiżjoni. Id-Dott Alex Sciberras saħaq fuq l-importanza li l-Kunsill iżomm iffokat li l-għan tal-Kunsill huwa li jsolvi l-ilmenti tar-residenti u jaħseb li stqarrija f'dan l-istadju tkun qed tidher li qed issir b'għan politiku. Hu qal li qabel nitolbu tweġiba fuq il-proċess aħjar tibda konsultazzjoni mar-residenti minħabba li l-Kunsill għad ma' għandu xejn lest biex din l-iskema tiġi implementata. Qal li din il-fażi ma tinvolvix spejjeż u sservi biex jiġu identifikati iż-żoni problematiċi. Hu qal li wara, meta jkollna direzzjoni, nkunu nistgħu ngħaddu għat-tieni fażi fejn il-periti jipprovdu s-soluzzjonijiet. Is-Sur Selvaggi qal li mhux xieraq li nikkonsultaw mar-residenti jekk il-Kunsill ma jkollux indikazzjonji ċara li din l-iskem tkun tista sseħ. Il-Kunsill qabel li tintbgħat 'reminder' għall-ittra li ntbagħtet lill-Ministru u biex din il-materja tiġi diskussa mat-TM. Jekk il-Kunsill jibqa bla risposta jiġi kkonsidrat li ssir stqarrija.

332 Materja 258: Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li tkellmet ma' kumpanija li tissuplixxi s-CCTV cameras u li ngħatat parir biex ma tixtrix minn dawn il-'portable' li jaħdmu bid-dawl tax-xemx. Il-parir kien li l-aħjar jinxtraw xi 'cameras' li jaħdmu bid-dawl u li jinkiseb permess ta' l-Enemalta biex jitniżżel wajr tad-dawl, jew inkella jintuża dawl minn xi dar ta' xi residenti li jkunu jridu jikkoperaw mal-Kunsill. Xorta waħda s-Segretarju qed tistenna kwotazzjoni. Is-Sur Maurice Agius saqsa jekk il-Kunsill ikunx jista jipproċedi legalment jekk ikollu filmat. Il-Viċi Sindku qal li sakemm ikun hemm tabella li tgħid li iż-żona qeda sorveljata mill-'cameras' tas-CCTV m'hemmx problema. Il-Kunsill qabel li jsir kuntatt ma' l-Enemalta fuq il-possibilita' ta' xi ftehim.

333 Materja 260: Is-Sur Maurice Agius reġa semma li rċieva xi ilmenti fuq it-Tombla. Ġie ssuġerit li min jirċievi xi ilmenti għandu jgħid lir-residenti biex iċemplu l-għassa dak il-ħin. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra fuq l-istorbju żejjed u ż-żibel li jitħalla wara l-attivita'.

334 Materja 263: Is-Sur E Brincat qal li għadu irid jiċċekja fuq il-possibilita' li l-Motorcylce Bay ta' Triq Johnny Catania ssir Parking Bay.

335 Materja 264: Is-Sur Abela Wadge saqsa fuq l-approvazzjoni tal-Loading/Unloading Bay ta' Triq ix-Xatt tax-Xbiex u s-Segretarju qalet li qed tistenna risposta mit-TM.

336 Materja 265: Is-Sindku għamlet kuntatt mal-Perit Edwin Mintoff u talbet għal laqgħa minħabba li l-Kunsill tal-Gżira kien qed idum biex jagħtiha risposta. Bħalissa qed tiġi ppreparata l-Aġenda ta' din il-laqgħa minħabba li l-Perit ried l-Aġenda qabel jissetja data. Id-Dott Scieberras qal li ninfurmawhom li l-Kunsill, bħala 'stakeholder' jixtieq ikun jaf il-pjan ta' x'se jsir u x'għandhom bżonn biex l-ħajja tar-residenti taż-żona tkun aktar faċli (speċjalment ir-residenti ta' Triq Giorgio Mitrovich. Il-Kunsill ser jitlob għal xi tip ta' 'planning gain' minn dan il-proġett, u dan ser ikun fl-interess

tagħhom ukoll għax huma jaqblilhom li ż-żona tkun 'embellished'. Is-Sur Brincat qal li jekk ser jużaw Triq Giorgio Mitrovich bħala 'service tunnel' jintrabtu li jirranġawha, u qal li l-Kunsill għandu jaċċerta ruħu li l-iżgħar torri ser isir in-naħa ta' l-Imsida. Is-Sur Matthew Agius semma li importanti li jimplementaw xi miżuri ta' parkeġġ fiż-żona peress li dan ser ikun problema.

337 Materja 271: Il-laqgħa (Post Mortem tal-Festa 2013) saret fil-21 ta' Awwissu u l-minuti ser jiġu diskussi f'sezzjoni 6 skont l-Aġenda.

338 Materja 287: Is-Sur Selvaggi xtaq jibdel il-pożizzjoni tiegħu fuq id-deċiżjoni li ttieħdet fuq il-permess ta' bankina fi Triq il-Baċir, wara li mar fuq il-post. Hu qal li l-parking f'din iż-żona diġa problema, li hemm diversi ħwienet u jaħseb li jista jinħoloq aktar konġestjoni. Il-Viċi Sindku qal li hawn din il-problema minħabba li t-triq ma tinfidx. Qal li din il-problema tista tkun solvuta jekk isiru marki tat-triq. Is-Sur Brincat qal li hemm bżonn il-Kunsill jesiġi fuq infurzar f'din iż-żona. Sar qbil li wara li jitlestu x-xogħolijiet li qed isir f'din iż-żona isir eżerċizzju ta' 'traffic management'. Issemma li hemm xi makkinarju fiż-żona (li qed jintuża fix-xogħolijiet) li m'hemmx dawl/reflectors miegħu. It-TM ser jiġu avżati.

339 Materja 291: Is-Sna Mifsud ikkonfermat li ma reġgħux instabu 'catheters' fiż-żona msemmija.

340 Materja 300: Is-Sur Selvaggi qal li m'għandiex issir il-konsultazzjoni pubblika dwar id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq il-Kunċizzjoni minħabba li l-Kunsill ma rċiviex petizzjoni fuq din il-materja. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill m'għandux jistenna li tiddaħħal petizzjoni biex issir konsultazzjoni mar-residenti, speċjalment meta r-residenti jkunu għamlu diversi lmenti mal-Kunsill. Hu qal li ma tistax dejjem tagħti lir-resident dak li jrid, pero' huma qed jgħixu f'dak l-ispazju allura l-Kunsill ma jagħmel xejn ħażin billi jisma l-opinjonijiet tar-residenti. Is-Sur Selvaggi talab li meta ssir il-laqgħa jkun hemm xi ħadd li jkun 'Chairperson' u anke jattendi xi ħadd bħala 'security'. Id-Dott Sciberras qal li l-atteġġjament waqt dawn il-laqgħat jiddependi fuq il-pożizzjoni li ser jieħu l-Kunsill. Qal li jekk ir-residenti jindunaw li l-Kunsill ġenwinament jixtieq jisma l-opinjonijiet tagħhom qabel jieħdu deċiżjoni ma jaħsibx li għandhom jinqalgħu xi problemi. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa ssir fl-1 ta' Ottubru. Il-Viċi Sindku qal li jekk ma jkunx hemm direzzjoni ċara għandha tittieħed votazzjoni. Il-Kunsill, wara din il-laqgħa, jkun jista jitlob il-permess mingħand it-TM.

341 Materja 309: Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq il-linji bojod ta' Triq Xatt L-Imsida, u sar qbil li ser isir aktar pressjoni fuq it-TM biex jagħtu tweġiba.

342 Materja 314: Is-Sur Matthew Agius fakkar lill-Kunsill fil-meeting li kellu jsir mas-CEO tat-TM. Is-Sindku qalet li l-Ħamis 29 ta' Awwissu kienet ser issir

laqgħa mat-TM (mal-Perit Audrey Testaferrata Denoto) dwar il-pjan li għandhom it-TM għal Xatt l-Imsida, u diversi kwistjonijiet pendenti oħra li l-Kunsill għandu mat-TM.

343 Materja 317: Is-Sur Selvaggi saqsa fuq ir-rapporti li ppreżenta fl-aħħar laqgħa u s-Segretarju Eżekuttiv qaltlu li għaddiethom lill-Ispettur.

344 Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra lil ta' l-Insurance ta' Triq il-Kunċizzjoni minħabba li qed joħorġu l-iskart tard.

## 3 Korrespondenza

345 41/0465 – Ta' Giuseppe talab għal permess biex joħroġ imwejjed u siġġijiet għal ikla fit-28 ta' Ġunju. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li ma tindaqx mużika minħabba hemm attivita' reliġjuża fil-ġnien dak inhar. Il-Kunsill innota li sid l-istabiliment imsemmi qed joħroġ l-imwejjed u s-siġġijiet barra mingħajr permess b'mod regolari. Dan qed isir anke mill-Każin tan-Nazzjonalisti. Fil-każ ta' l-istabiliment Ta' Ġiuseppe sar qbil li tintbagħat ittra mal-permess fejn il-Kunsill jinforma lis-Sur Farrugia li ġie innotat l-aġir imsemmi u li l-Kunsill ser jikkonsidra dan meta jintalab biex japprova permessi oħra fil-futur.

346 41/0424 – Il-Viċi Sindku qal lis-Segretarju li l-Garanzija Bankarja ta' Trends Ltd tista tiġi kkanċellata minħabba li x-xogħol tlesta.

347 41/0460 – L-Awtorita' tad-djar ma aċċettatx it-talba tal-Kunsill biex l-art faċċata tal-Kunsill (Triq il-Wied) tingħata lill-Kunsill fuq 'encroachment' biex jintuża bħala parkeġġ sa kemm isir il-bini.

348 41/0457 – Ser isir 'seminar' fuq il-Kwalita' ta' l-Arja. Is-Sindku talbet li jattendi xi ħadd mill-Kunsilliera. Is-Sur Matthew Agius semma li l-Professur li kellu kuntatti miegħu fuq dan is-suġġet mhux qed iwieġbu u s-Sindku semmiet li taf tabiba taħdem f'dan il-qasam, u ha tipprova tikkuntatjaha.

349 41/0469 – Residenti ta' Triq Sant Andrija talbu għad-dokumenti tat-TM rigward l-approvazzjoni tal-parkeġġi f'din it-triq. Il-Viċi Sindku qal li jekk din hija korrispondenza uffiċċjali tal-Kunsill m'għandux ikun hemm problemi li kopja tingħata lir-residenti. Qal li fejn kunsillier jintrabat mar-residenti, jekk ikun possibli, importanti li l-Kunsill jappoġġjah. Is-Sur Selvaggi semma li kien sar qbil, f'laqgħa tal-Kunsill preċedenti fejn kellha tintbgħat ittra lir-residenti ta' din iż-żona. Is-Sindku fakkret li imbagħad kien ġie diskuss li l-ittra ma

tintbgħatx biex din il-kwistjoni, li kienet ġiet riżolta, ma terġax titqajjem. Is-Sur Selvaggi insista li l-ittra tintbgħat u l-Kunsill qabel. F'din l-ittra r-residenti għandhom jiġu nformati li jekk għandhom xi ilment/mistoqsija, jistgħu jitkellmu direttament mat-TM.

350 Is-Sur Matthew Agius qal li rċieva xi korrespondenza mill-SDM bex jiltaqgħu mal-Kunsill u li ser jgħaddiha lis-Segretarju Eżekuttiv.

351 41/470 – Il-Kunsill irċieva imejl mill-Green MT biex issir laqgħa. Is-Sur Maurice Agius saqsa fix-ħin kienet daħlet din l-imejl.

## 4 Approvazzjoni tal-Pagamenti

352 Il-pagamenti ġew imressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill u dawn kollha ġew approvati.

353 Is-Segretarju Eżekuttiv kellha tiċċekja pero' jekk il-pagamenti tal-GO (minn numru 33-42) kienux indaħlu doppji bi żball.

## 5 Kumitat Amministrattiv Swatar

354 Is-Snja Mifsud fakkret li l-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar ser jiltaqgħa l-Ġimgħa 30 ta' Awwissu.

355 Is-Sna Mifsud semmiet li l-Kumitat jixtieq jagħmel xi proġett ta' tisbieħ (tħawwil ta' siġar per eżempju) fi Triq Indri Grima. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li f'dik iż-żona hemm art li hu privat. Il-KAS għandu jiċċekja x'hemm tal-Gvern qabel jagħmel aktar pjanijiet.

356 Is-Sna Mifsud talbet għal-għajnuna tal-Kunsill minħabba l-problemi li ser jiba jkollu s-Swatar meta terġa tiftaħ l-Iskola St Martin's. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa tal-PTA ta' din l-iskola flimkien mal-board ta' l-iskola. Is-Segretarju għandha tiktbilhom biex tissetja data u ħin.

357 Is-Sna Mifsud qalet li hemm bżonn jinbidlu xi tabelli. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li s-Segretarju tal-KAS jibgħatilha l-informazzjoni biex tkun tista tibgħat lis-Sur Demarco.

358 Fir-rigward tal-laqgħa pubblika s-Sindki jridu jitkellmu bejniethom biex jiffissaw data. Is-Sindku qalet li ċemplet lis-Sindku ta' B'Kara u kellha ttiha risposta.

6 **Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati.**

359 Il-Minuti tal-Laqgħa tal-'Post Mortem Festa 2013' tressqu għall-informazzjoni tal-Kunsilliera.

360 Il-Viċi Sindku qal li hu ma jaqbilx li min ma jarmax jibqa jżomm il-post. Hu għandu jiċċekkja l-liġi biex jekk ikun possibli tal-gabbani jiġu avżati li min jħallas pero' ma jarmax, jitlef postu.

7 **Proġett fi Triq Ċensu Farrugia**

361 Tressqet il-proposta tal-Perit li qabbad il-Kunsill u din ġiet approvata.

362 Il-Kunsill ġie informat li din il-proposta inbgħatet lit-TM ħalli huma jiksbu l-permessi tal-MEPA u jieħdu ħsieb jattwaw il-proġett.

8 **Laqgħa fuq il-'Local Plan' (MEPA)**

363 Tressqu l-Minuti ta' laqgħa li saret ma' uffiċċjali tal-MEPA għall-informazzjoni tal-Kunsill.

364 Il-Viċi Sindku qal lill-Kunsilliera li dan l-eżerċizzju hemm bżonn jittieħed b'serjeta' kbira għax permezz ta' dawn il-konsultazzjonijiet il-Kunsill ser verament ikollu opportunita' jagħmel impatt fuq il-lokalita'.

365 Ġie deċiż li ssir laqgħa laqgħa speċifikament biex tiġi diskussa din it-tema. Sar qbil li l-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 3 ta' Settembru fis-6pm.

9 **Affarijiet Oħra hekk Urġenti**

366 Is-Sindku resqet talba mill-Każin tal-Futbol biex jagħmlu attivita' nhar il-Gimgħa 30 ta' Awwissu quddiem il-Każin. Is-Sindku qalet li mhix aċċettabbli sitwazzjoni fejn l-għaqdiet jirriklamaw attivita' u jkunu għadhom

ma kisbux il-permess tal-Kunsill. Għalhekk is-Sindku ħasset li għandha ġġib din it-talba quddiem il-Kunsill biex jiddiskutuha flimkien. Issemma li l-aħħar permess li ingħata lil Klabb tal-Futbol xi kunsilliera saru jafu li dawn sajru fil-ġnien meta dan ma kienx permess. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill jgħin, kemm l-għaqda tal-Futbol u anke għaqdiet oħra pero' hemm bżonn li l-Kunsill jżomm il-pożizzjoni tiegħu fil-lokal ukoll u mhux ikun immexxi mill-għaqdiet. Is-Sur Bartolo fakkar li l-Kunsill hu Gvern Lokali u għandu jiġi rispettat. Qal ukoll li hemm bżonn ikun hemm sett ta' regoli mal-permess u anke garanziji. Il-Kunsill qabel li jinħareġ il-permess pero' li tintbagħat ittra mal-permess b'dawn il-punti.

367 Emanuel Brincat ħareġ mill-laqgħa fis-19:48 u reġa daħal fis-19:50.

368 Is-Sur Bartolo qal li nhar il-Ħamis ser isir l-ewwel 'Get Together' ta' l-anzjani fid-Day Centre tal-Kunsill fl-10am.

369 Is-Sur Brincat qal li waqa bini fi Triq ix-Xmiexi u Triq San Alwiġi li għamlet ħsara fuq propjeta' tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ha titlob li jittieħdu xi ritratti.

370 Is-Sindku nformat lill-Kunsilliera li kienet ser issir laqgħa fit-28 ta' Awwissu, fis-1pm ma' L-Onor. Dr J Herrera biex jiġu diskussi l-possibilita' ta' fondi speċjail għat-tindif (Universita' u Junior College), il-Ħamlet tas-Swatar u possibilita' ta' fondi relatati ma' l-amministrazzzjoni ta' dan il-Kumitat u Fondi ġenerali li għandu bżonn il-Kunsill.

371 Is-Sur Brincat u s-Sna Mifsud ħarġu mill-laqgħa.

372 Is-Sur Bartolo semma li l-ħaddiema tal-Kunsill mhux qed jirrispettaw lil Louis u meta xi ħadd iqabbadhom biċċa xogħol dawn igergru miegħu. Is-Sur Matthew Agius qal li għandhom dejjem jkellmu l-istaff tal-Kunsill meta jkollhom xi problema dwar ix-xogħol li jingħataw. Ġie deċiż li ssir meeting bejn is-Sindku, is-Segretarju, u s-Sur Demarco mal-ħaddiema biex jingħataw il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

373 Is-Sur Bartolo qal li l-Festun għas-Swatar (1.2m) jiġi jiswa €400 bil-bozzoz b'kollox. Ġie ssuġġerit li l-Festun isir mill-Kunsill ta' L-Imsida u l-bozzoz jissuplixxuhom il-Kunsill ta' Birkirkara. Is-Sur Maurice Agius qal li ser iġib kwotazzjoni. Issemma li l-bozzoz ikunu 'energy saving'.

374 Is-Sindku semmiet l-attivita' li l-Kunsill qed jipprepara ma' l-Aċċess fit-30 ta' Awwissu. Ser isiru xi logħob fil-ġnien ta' quddiem il-Knisja. Informat lill-Kunsilliera li l-Kunsill ser ikopri l-ispejjeż ta' xi fliexken ta' l-ilma għall-parteċipanti u l-kiri ta' ambulanza biex tkun fil-viċin għal li jista' jkun jinqala xi ħaġa.

375 Il-Kunsilliera ingħataw dokument bl-ispejjeż li intefqu fi żmien il-Festa. Is-Segretarju Eżekuttiv spegat li meta jinqatgħu l-ispejjeż ġenerali (tindif, eċċ) u l-ispejjeż relatati ma' l-attivita' tal-kxif tal-bust tat-tabib Robert Naudi (li għalkemm saret fi żmien il-Festa mhix attivita' li ser issir kull sena bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa) il-Kunsill żam mal-baġit ta' €3500 li huma allokati għall-attivitajiet tal-lokal fl-okazzjoni ta' Jum il-Lokal.

376 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-20:32.

Approvati llum ____________________

| | |
|---|---|
| ____________________________ | ____________________________ |
| Margaret Baldacchino Cefai | Marita Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |